KUNSILL LOKALI
**MOSTA**
LOCAL COUNCIL

Minuti tal-Laqgħa Nru 7 tas-Sitt (06) Kunsill Lokali tal-Mosta li nżammet fl-Uffiċċini Amministrattivi tal-istess Kunsill Lokali nhar il-Ġimgħa, 8 ta' Ġunju 2012 fis-7.30 ta' filgħaxija.

Il-Laqgħa bdiet fis-7.30 ta' filgħaxija .
Il-Kunsilliera kienu prezenti kif jidher hawn taħt.

| | Ħin Dħul | Ħin Ħruġ |
|---|---|---|
| Dott. Shirley Farrugia (Sindku) | 7.30p.m. | 10.35p.m. |
| Is-Sur Joseph De Martino (Viċi-Sindku) | 7.30p.m. | 10.35p.m. |
| Il-Kunsillier Alexander Muscat | 7.30p.m. | 10.35p.m. |
| Il-Kunsillier Abraham Bezzina | 8.57p.m. | 10.35p.m. |
| Il-Kunsillier Dott. Rachel Tua | ~~Assenti~~ SKUŻATA | |
| Il-Kunsillier Mario Sammut | 8.10p.m. | 10.35p.m. |
| Il-Kunsillier Kirby Fenech | Skużata (Ċemplet li xogħol) | |
| Il-Kunsillier James Cassar | 7.35p.m. | 10.35p.m. |
| Il-Kunsillier Keith Cassar | 7.30p.m. | 10.35p.m. |
| Il-Kunsillier David Meilak | 7.30p.m. | 10.35p.m. |
| Il-Kunsillier Marthese Mifsud | 7.30p.m. | 10.35p.m. |

Is-Sindku Dott. Shirley Farrugia mexxiet il-laqgħa.

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv, is-Sur John J. Camilleri kien preżenti għall-laqgħa.

Il-Laqgħa bdiet fis-7.30p.m.

Fil-bidu tal-laqgħa s-Sindku Dott. Shirley Farrugia talbet u ġiet approvata sospensjoni tar-regolamenti sabiex il-Laqgħa tibda tiddiskuti *item* 5 tal-*Agenda*. Dan minħabba li kien hemm ħafna residenti preżenti għal-Laqgħa li kien jinteresshom dan l-*item.*

**1.0 Rapport tal-Perit – Triq id-Dawr u Triq l-Istrinġell.**

1.01 Is-Sindku Dott. Shirley Farrugia bdiet billi qrat ir-rapport tal-Risk Assessment u qalet li l-Assessment ġie identifika li fil-preżent u sakemm tiġi konkluża l-inkjesta mitluba mill-Ministeru, hemm bżonn li jitneħħa l-inkonvenjent ta' trab u jimtlew ill-*gutters* miftuħin li kien hemm fi Triq id-Dawr u Triq l-Istrinġell. Ir-rapport huwa anness ma dawn il-minuti.

Il-Kunsillier Alex Muscat staqsa min kien għażel lill-Perit u l-Risk Assessment Consultant. Is-Sindku wieġbet li hija kienet inkarigat espert tal-Qorti sabiex jipprepara rapport tekniku u dan kien ġie diskuss diversi drabi fil-laqgħat tax-xhur li għaddew. Hi qalet li ir-rapport ta' l-Avukat tal-Kunsill Dr Joe Mifsud fuq il-proġett tat-Triq id-Dawr irakkomanda li jitqabad perit indipenenti biex jagħmel rapport tekniku għal Kunsill.

Is-Sur Alex Muscat staqsa lis- Sindku għal diversi drabi jekk il-Kunsill jkolli (jinstabu) l-finanzi, u jekk l-inkjesta tkun għada mhix konkluża, l-Kunsill kienx lest li jiksi dawn it-toroq bit-tarmak. Is-Sindku irrispondiet (kul darba li saret il-mistoqsija) li jekk is-sitwazjoni finanzjarja tal-Kunsill tkun tippermetti, ma' tarax li kien hemm problema biex il-Kunsill jiddiskuti kif għandu jitkompla dan ix-xogħol.

F'dan il-ħin saret sospensjoni tal-Laqgħa sabiex ikunu jistgħu jitkelmu xi residenti li kienu preżenti għal-Laqgħa. Wieħed mir-residenti staqsa lis-Sur Alex Muscat għaliex hu biss kien preżenti għall-Laqgħa (dak il-ħin) min naħa tal-Partit Laburista. Resident ieħor qal li r-residenti riedu jkunu jafu meta kien ippjanat li jsir ix-xogħol. Ir- resident Paul Carachi insista li bħal ma nstabu fondi għal-toroq oħra kellhom jinstabu l-fondi għal dawn it-toroq. Huwa ndirizza lil-Agent Segretarju Eżekuttiv li kien qal li l-qagħda finanzjarja tal-Kunsill ma kienetx tippermetti u l-anqas l-kotba tal-*accounts* ma kienux qed jinżammu sew minħabba inkompetenza tal-*Accountant* u qal li kien ser jgħid b'dan lill-*Accountant.* L-Agent Segretarju Eżekuttiv qal li huwa flimkien mas-Sindku kellhom laqgħa mal-*Accountant* u kien qallu li hemm inkompetenza fiż-żamma tal-kotba tal-finanzi tal-Kunsill għaliex il-figuri kienu juru stampa li ma kienitx korretta f'dak li huma kontijiet bankarji u *financial indicators.*

Meta tkompliet il-laqgħa, l-Kunsillier Alex Muscat staqsa jekk toroq li kienu 60% imkissra, ta min kienet ir-responsabilita sabiex dawn jitranġaw. Is-Sindku rrispondiet li fil-każ ta' dawn it-toroq (Triq id-Dawr u Triq l-Istrinġell) in kwistjoni kien il-Kunsill li fetaħhom u kien il-Kunsill li għandu jillestihom. Il-Kunsill qatt ma kien irrefera dawn it-toroq lill-TM.

F'dan il-ħin (8.10p.m.) il-Kunsillier Mario Sammut daħal għall-Laqgħa.

Il-Kunsillier Alex Muscat staqsa li ~~jekk~~ kienx hemm il-ħsieb li l-Gvern Ċentrali jagħmel xi 4 toroq fil-Mosta, kienx possibli li jsiru dawn it-toroq mill-Gvern Centrali. Huwa qal li kien qed iħoss li ma kienx hemm '*goodwill*' li jsiru dawn it-toroq. Is-Sindku rrispondiet li l-Kunsill kien diġa kommess li jsiru dawn it-toroq iżda hija enfasizzat is-sitwazwazjoni finanzjarja prekarja li kellu l-Kunsill.

**2.00 Korrezzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.**

Il-Minuti tal-Laqgħa Nru.6 tal-24ta' Mejju, 2012 ġew approvati wara li saru dawn il-korrrezzjonijiet:

2.01 F'*itemi* Nru.2.03 – Punti Mqajjma mill-Minuti. Iddaħħlu l-kliem **"madwar il-Mosta kollha"** minflok il kliem **"fi Triq it-Torri"**.

2.02 F'*item* Nru. 5.00 – Tenders li jridu jiġu deċiżi mill-Kunsill. Wara il-kliem **"tal-kuntratti"** daħlu l-kliem **"(rapport anness)"**.

2.03 *F'item* Nru. *8.03* fit-tielet paragrafu, żdiedu l-kliem **"u huwa ċar li din kienet żbaljata"** fl-aħħar tas-sentenza.

**3.00 Punti Mqajjma mill-Minuti**

**3.01** Dwar *item* 5.00 - Il-Viċi-Sindku Joe De Martino staqsa jekk il-kuntratti bdewx. Is-Sindku rrispondiet li l-kuntrattur tal-latrini kien beda, u ġew ikkuntatjati l-kuntratturi tal-*playing-field,* u tat-tiswija tan-niċeċ u tat-tiswija tal-pont tal-Isperanza.

**3.02** Dwar *item* 5 ukoll il-Kunsillier Alex Muscat staqsa fiex kienu waslu l-ħruġ tat-tenders tal-miżuri 313 u 323.Is-Sindku qalet li t-tender tal-ħitan tas-sejjieħ kien lest filwaqt li kien lest ukoll il-*method-statement* tat-tindif tal-wied u kien intbagħat ir-rapposrt tal-AIS lill-MEPA. Ġie iffissat appuntament mal-Perit Faye sabiex jiġu diskussi t-*tenders* l-oħra. Kien sar ukoll appuntament mal-Perit Clint Camilleri dwar ħsarat ta' toroq li saru fil-proġett tat-toroq taħt l-iskema tal-PPP.

**4.00 Materji Finanzjarji.**

4.01 Is-Sindku ipprreżentat rendikont tal-ispejjes li saru mill-Kunsill għall-ftuħ tat-Targa Battery. Hija fakkret li kien hemm b'1,500 Ewro fi *sponsors* f' *pat*ching, inġenji, *billboard,* u transport. L-ispiża netta għal Kunsill kienet ta' madwar 2,000 ewro. Dan minbarra ħafna xogħol volontarju li sar.

4.02 Rigward il-finanzi tal-Kunsill ġie deċiż unanimament li l-Agent Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku jingħataw l-awtorita' li jużaw b'mod temporanju fondi f'kontijiet bankarji oħra li għandu l-Kunsill, li huma segregati għal-spejjes mhux kurrenti, sabiex jagħmlu tajjeb għal pagi u spejjes oħra urgenti. Dan sakemm tiċċara l-pożizzjoni finanzjarja tal-Kunsill u sa kemm jidħlu l-fondi tal-allokazjoni tal-Gvern Ċentrali għall-kwart tas-sena li jmiss.

**5.00 Korrispondenza.**

Ġiet ippreżentata lista ta' 14 il-korrispondenza għal-konsiderazjoni tal-Kunsill kif jidher fil-lista annessa. Id-deċiżjonijiet ukoll jinstabu fil-lista.

5.01 Dwar Ittra Nru 4 – EU-ESF Funding –W O M E N programme.- sar qbil li ssir l-applikazjoni. Il-Kunsill aċċetta li jidħol għal *co-financing* ta' 3000 Euros għal dan il-proġett fejn jiġu imħarġa nisa biex jidħlu lura fid-dinja tax-xogħol.

5.02 Dwar Ittra Nru 6 – Użu tat-Tarġa Battery (Talba tal-Paroċċa dwar użu tal-post). - Is-Sindku spjegat li fit-talba għad-devoluzjoni kien imniżżel li parti tintuża mill-iScouts u partijiet oħra jintużaw min entitajiet volontarji oħra tal-Mosta. Il-Kunsilier Alex Muscat qal li l-Kunsill kien iddeċieda li dan jintuża mill-iScouts biss. Is-Sindku rrispondiet li l-iScouts kienu l-ewwel li applikaw iżda entitajiet oħra għandhom jiġu ikkonsidrati wkoll. Is-Sur Muscat qal li dan il-post jista wkoll ikun sors ta' introjtu finanzjarju għall-Kunsill. Wieħed għandu jara l-pjanta tal-post u jara kif jista jiġi diviż. Ġie deċiż li tintbagħat risposta lill Arċipriet fejn jiġi infurmat li l-Kunsill ser jistenna d-devoluzjoni qabel tittieħed deċiżjoni.

"Culverts"

5.03 Ittra mill-Avukat Joe Mifsud dwar parir fuq ~~konok~~ tal-ilma għall-ġnien ta' Villa Gollcher- Il-Kunsillier Muscat qal li jekk kien hemm "servitu", is-sid kellu dritt li dan jibqa jgawdiħ. Huwa qal li l-Kunsill għandu jġib żewġ stimi oħra barra dik tal- V & C, il-kuntratturi li għamlu x-xogħol tat-triq. Fuq suġġeriment li jsiru xi tip ta' *humps (traffic calming humps)* li jintużaw għal-ilqugħ tal-ilma fl-istess ħin, huwa qal li wieħed irid jara jekk dawn humiex *feasible* u aċċettabli għar-residenti tal-inħawi.

5.04 Ittra minghand Każin tal-banda Nicolo Isourd - Il-Kunsill iddeċieda li jara x'*commitments* kien hemm mill-Kunsill ta' qabel u jonora dak li kien ġie imwiegħed. Sar qbil li l-Kunsill jagħmel il-pedestal tal-bust ta' Nicolo Isourd kif mitlub.

**6.00 Aġġornament mit-Traffic Management Committee.**

Il-Kunsillier James Cassar qal li l-Kumitat kien analizza r-rapport li kien sar mill-Perit Chris Grech li kien Kunsillier fl-aħħar Kunsill. Kien jidher li dak ir-rapport kien ikkonċentrat fuq il-fatt li għandha tinbidel id-direzjoni tat-traffiku ta' Triq il-Kungress Ewkaristiku u l-effett li dan ikollu fuq toroq oħra. Sar ukoll kuntatt ma' numru ta residenti u *stake-holders* oħra ħa jaraw u jiġu studjati l-proposti tagħhom.

Is-Sindku qalet li r-residenti kienu diġa ġew ikkonsultati ħames snin ilu.

Is-Sur James Cassar qal li l-Kumitat iddeċieda li jibgħat ittra lill kul resident tat-toroq ikkonċernati f'dan l-eżerċizju.

Is-Sur Alex Muscat qal li l-Mosta għandha tinqasam fi tmien żoni u r-residenti ta' dawn iż-żoni jiġu msejħa għal-laqgħa ta' konsultazjoni.

Is-Sur James Cassar qal li wieħed ma' jistax jiddiskrimina mar-residenti u dawn għandhom jissejħu lkoll biex jattendu għal-laqgħa.

Intqal li wieħed ibiddel d-direzzjoni tat-traffiku ta' Triq il-Kungress Ewkaristiku seta ma kienx prattiku u jinħolqu problemi loġistiċi oħra.

**7.00 Proposta ta' Traffic Management – Żona Triq Baskal Buhagiar u Triq il-Pont.**

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv irraporta dwar laqgħa li saret mas-Sur Josie Brincat ta' Transport Malta fuq is-sit ta' Triq Baskal Buhagiar. Huwa qal li s-Sur Brincat kien ta' struzzjonijiet li l-Kunsill jagħmel it-talba tal-proposti tiegħu lill-Transport Malta wara li jsir *traffic count survey* tat-traffiku li jgħaddi min dawn it-toroq u t-toroq tal-madwar. Huwa ippropona li diversi toroq ta' l-inħawi jsiru *one-way* u anke issir *round-about.*

Ġie deċiż li l-Kunsill jipproponi li issir *round-about* minflok jidħol għal spiża ta' *traffic survey.* Rigward Triq il-Pont Mr Brincat aċċetta f'isem it-Transport Malta li biex tiġi solvuta il-problema tat-*traffic congestion* f'din il-parti tat-triq għandhom issiru double yellow lines fuq in-naħa tax-xellug tat-Triq fejn Beautilicious

**8.00 Proposta ta' Tansport Malta – Rotta ta' Arriva fiż-Żona ta' Santa Margerita.**

Ġie deċiż unanimament li tiġi aċċettata il-proposta ta' Ivan Pierre Vella ta' TM li t-transport publiku (tal-Arriva) jibda jgħaddi u jaqsam min nofs iż-Żona ta' Santa Margerita u mhux mid-diveersi toroq ta'madwar din iż-Żona. Din ir-rotta tara l-Arriva tgħaddi iminn Triq il-Midbaħ, Triq id-Dura, Triq Imsiebaħ u barra għal Triq il-Fortizza. B'din ir-rotta il-ġdida għandhom tiriplasja rotta 37, 38, 39 esistenti f'Santa Margerita.

**9.00 Archeotur – Approvazzjoni ta' Ħruġ ta' Tender għal-Perit ta' Bistra Catacombs.**

9.01 Il-kunsill qabel unanimament li tinħareġ is-sejħa għal-Tender Nru. Ark 05/**011 "Services Tender for Architectural and Engineeering Services at Ta'Bistar Area A, Mosta and St. Augustines Catacombs, Rabat Malta."**

**10.00 Nominazzjoni ta' *Staff Recruitment Interviewing Board.***

10.01 Is-Sindku ipproponiet u ġie approvat unanimament li jinħatar 'Bord Għal Inervisti Ta' Reklutaġġ Ta' Skrivani'. Is-Sinku, il-Vici-Sindku, u l-Kunsillier Mario Sammut ġew maħtura membri fuq dan il-Bord. L-Agent Segretarju Eżekuttiv għandu jkun s-segretarju ta' dan il-Bord.

Ġie deċiż li terġa tinħareġ sejħa interna għal-reklutaġġ ta' skrivani qabel ma' tintalab l-ewwel lista ta' applikanti mingħand l-ETC.

**11.00 Mozzjoni – Trasferiment tal-Ground ta' l-Għajba.**

Il-Kunsillier Keith Cassar qara mozzjoni li huwa kien qed jipproponi u li ġiet ssekondata mill-Vici-Sindku Joe De Martino. Il-Mozzjoni kienet ippreżentata u rreġistrata skont il-liġi. Kopja ta' din il-Mozzjoni hija annessa ma dawn il-minuti.

Il-Kunsill qabel unanimament fil-prinċipju li l-Grawnd ta' l-Għajba jibda jiġi mmaniġjat mill-Klabb tal-Futbol tal-Mosta iżda għandu jitfassal abbozz ta' ftehim b'konsultazjoni mal-avukat tal-Kunsill għall-approvazjoni tal-Kunsill. Il-Klabb tal-Futbol għandu wkoll jintalab jippreżenta l-kontijiet tal-Grawnd ta' l'Għajba għal-dawn l-aħħar tliet xhur minn Jannar sa issa. Għandha wkoll tintalab kopja ta' ftehim ta' dan it-tip li għandu l-Kunsill Lokali tal-Mellieħa sabiex dan iservi ta' gwida fit-tfassil tal-ftehim. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv semma wkoll li fil-kotba tal-Kunsill, il-Klabb tal-Futbol tal-Mosta kien għadu jidher bħala kreditur tal-Kunsill u għad għandu jħallas bilanċ li kien għad fadal jitħallas ta' meta kien sar it-*turf* sintetiku u dan wieħed irid jara wkoll x'kien ser isir min dan il-bilanċ. Huwa qal li l-pagamenti kienu waqfu meta għola l-prezz tal-eletriku u ma setgħux ilaħqu iżjed mal-kontijiet.

**12.00 Affarijiet Oħra.**

12.01 Il-Kunsillier Mario Sammut talab li l-Kunsill flimkien mal-għaqda Ruħ Soċjali Mostija jorganizza attivita' fil-Ġnien ta' l-Għarusa tal-Mosta. Il-Kunsill qabel unanimament li l-Kunsill jikkolabora billi jipprovdi għal ħlas ta' mwejjed u siġġijiet, u *mobile toilets.* Sar qbil li il-Kunsill iħallas fuq l-irċevuti sa massimu ta' 500 Ewro.

12.02 il-Kunsillier Alex Muscat talab li jsiru linji sofor fi Triq il-Ħtajriet quddiem DI Grocery Shop. Ġie deċiż li ssir l-aplikant għandu jagħmel applikazjoni lil Transport Malta.

**13.00 Għeluq tal-Laqgħa**

Il-Laqgha spiccat fil-10.35 ta' filgħaxija u ġiet aġġoranta għal-nhar il-Ħamis, 21 ta' Ġunju, 2012 fis-7.30 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| **Dott. Shirley Farrugia** | **John J. Camilleri** |
| **Sindku** | **Agent Segretatju Eżekuttiv.** |